KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.8.2005
KUMM(2005) 381 finali

2005/0158 (COD)
2005/0159 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq l-għarfien unilaterali mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, s-Slovenja u is-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq l-għarfien unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Isvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom.

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. DAĦLA

L-għarfien reċiproku tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar li jinħarġu minn Stati Membri oħra huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-ħolqien ta' żona mingħajr fruntieri interni. L-għan ta' dan il-prinċipju huwa li jkun possibbli għal ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu fil-pussess tiegħu ċerti dokumenti maħruġa minn Stat Membru li jkun qed jipparteċipa b'mod sħiħ fiż-żona komuni li jidħol u/jew jgħix b'mod ħieles fl-ispazju komuni mingħajr ma jkun soġġett għal xi kriterji addizzjonali oħrajn. Il-prekundizzjonijiet biex dan il-prinċipju jkun implimentat b'suċċess huma l-preżenza ta' fiduċja u konfidenza bejn l-imsieħba f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà tad-dokument u l-istħarriġ xieraq tal-persuni li jkun ibbażat fuq kriterji u proċeduri komuni ħalli jkun evitat kwalunkwe riskju marbut mal-mobilità ta' din il-kategorija ta' persuni.

L-"*acquis*" ta' Schengen preżenti jistabbilixxi l-prinċipju ta' l-għarfien komuni ta' viża uniformi (Art.10 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplementa t-Trattat ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-gvernijiet ta' l-Istati ta' l-unjoni ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Schengen")[1], li huwa kkonfermat bl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 539/2001[2] li jgħid li viża maħruġa minn Stat Membru tal-Konvenzjoni ta' Schengen hija valida wkoll biex wieħed jaqsam, għal perjodu qasir jew għal tranżitu, il-fruntieri esterni ta' Stat Membru ieħor li huwa msieħeb fil-Konvenzjoni ta' Schengen. Id-dispożizzjonijiet preżenti ta' Schengen (l-Artikoli 18 u 21 tal-Konvenzjoni ta' Schengen) jipprevedu wkoll sistema ta' għarfien reċiproku ta' viżi u permessi ta' residenza għal perjodi twal li jinħarġu mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen. Din is-sistema ta' għarfien reċiproku tkopri t-tranżitu (l-Artikolu 18) kif ukoll ir-residenza għal perjodi qosra (l-Artikolu 21).

Sa fejn l-Istati Membri l-ġodda huma kkonċernati, dak li jissejjaħ "il-proċess ta' implimentazzjoni f'żewġ stadji ta' Schengen" ikkontemplat fl-Artikolu 3 ta' l-Att tas-Sħubija, jimplika fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-viża, li għalkemm dawn iridu japplikaw, sa mis-sħubija tagħhom, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 539/2001, u għalhekk jimponu fuq iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi mniżżla fl-Anness 1 il-bżonn ta' viża, dawn iridu jkomplu joħorġu l-viżi nazzjonali tagħhom sa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fiż-żona ta' Schengen.

Id-definizzjoni tal-viża ta' Schengen fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 539/2001 teskludi l-possibiltà li viża għal perjodu qasir u maħruġa minn Stat li jimplimenta b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen tkun tista' titqies bħala waħda ekwivalenti għal viża nazzjonali maħruġa minn Stat Membru ieħor li ma jkunx integra ruħu b'mod sħiħ fiż-żona komuni. Dan biex l-Istat Membru ta' l-aħħar ma jkunx jista', fuq il-bażi ta' dan in-nuqqas ta' ekwivalenza, jawtorizza t-tranżitu u r-residenza fit-territorju tiegħu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'obbligu ta' viża mingħajr ma jitlob il-viża nazzjonali tiegħu stess. Barra minn hekk, ir-Regolament ma jipprevedix l-ewkivalenza bejn il-permessi ta' residenza u l-viżi.

---

[1] ĠU L 239, 22.09.2000, p.19.

[2] Ir-Regolament (KE) 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni, kif ukoll il-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom ikunu eżenti minn dak il-kriterju, ĠU L 81, 21.3.2001, p.1. Dan ir-Regolament kien l-aħħar immodifikat bir-Regolament (KE) 851/2005 ĠU L 141, 04.06.2005, p.3.

Aktar minn hekk, ir-regoli ta' l-għarfien ta' Schengen li jgħoddu għal tranżitu u residenza ta' perjodu qasir ma japplikawx mas-sħubija ta' l-Istati Membri l-ġodda bl-istess mod kif japplikaw għall-Istati Membri l-qodma. Għalhekk, l-Istati Membri l-ġodda għandhom l-obbligu li mas-sħubija tagħhom joħorġu viżi nazzjonali għad-dħul fi u għat-tranżitu mit-territorju tagħhom, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'obbligu ta' viża taħt ir-Regolament (KE) Nru 539/2001, anke jekk il-persuni kkonċernati jkollhom permess ta' residenza jew viża ta' Schengen jew inkella jkollhom viżi nazzjonali għal perjodu twil maħruġa minn Stat ta' Schengen.

Għalkemm id-dispożizzjonijiet kollha ta' l-"*acquis* ta' Schengen" fuq il-fruntieri esterni, inkluż l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Schengen, tpoġġew fil-kategorija tad-dispożizzjonijiet ta' Schengen biex ikunu applikati mas-sħubija mill-Istati Membri l-ġodda fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom u fir-relazzjonijiet ta' bejn l-Istati Membri l-ġodda u dawk qodma[3], dan fih innifsu ma jimplikax reġim ta' għarfien reċiproku obbligatorju ta' permessi ta' residenza għall-qsim tal-fruntieri esterni. Dan minħabba li element bażiku indispensabbli għal dan ir-reġim ta' għarfien reċiproku – jiġifieri l-lista ta' permessi ta' residenza kkonċernati u pprovduta mill-Anness XI tal-Manwal Komuni – kien eskluż deliberatament u espliċitament mill-kategorija I (id-dispożizzjonijiet li jgħoddu mas-sħubija). Dan huwa konsistenti mal-fatt li d-dispożizzjonijiet kollha ta' l-*acquis* ta' Schengen li jistabbilixxu reġim ta' għarfien reċiproku ta' dokumenti (viżi, permessi ta' residenza,…) tpoġġew fil-kategorija II (dispożizzjonijiet li għandhom jibdew jgħoddu minn data li għandha tkun stabbilita mill-Kunsill). L-Artikolu 5(3) jiddefinixxi u jillimita biss il-kundizzjonijiet għad-dħul li jeħtieġ ikun ikkontrollat.

Bl-istess mod, l-Artikolu 5(1) għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet għad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jeħtieġu viża, mingħajr ma jistabbilixxi l-għarfien reċiproku ta' viżi għal perjodu qasir. L-Artikolu 5(1) jibni fuq is-sistema ta' għarfien reċiproku obbligatorju għall-viża għal perjodu qasir li hija stabbilita bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Dan l-Artikolu 5(1), li jgħodd ukoll għall-Istati Membri l-ġodda mid-data tas-sħubija, ma jobbligax lill-Istati Membri l-qodma ta' Schengen biex jagħrfu viżi maħruġa mill-Istati Membri l-ġodda; lanqas ma jobbliga lill-Istati Membri l-ġodda biex jagħrfu l-viżi ta' Schengen.

Barra minn hekk, l-Artikolu 5(3) jgħodd biss għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza u li jkunu jridu jgħaddu minn fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor biex imorru lura lejn il-post tar-residenza tagħhom; dan ma jgħoddx għal dawk il-persuni li jkunu jridu jgħaddu minn fuq it-territorju ta' Stat Membru biex jivvjaġġaw mill-Istat Membru tar-residenza lejn pajjiż terz. Il-faċilità li hemm fl-Artikolu 5(3) lanqas ma tapplika għal dawk il-persuni li jkollhom viża ta' żjara qasira. Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma tagħtix soluzzjoni xierqa għal ħafna mill-problemi deskritti hawn fuq.

Qabel is-sħubija tagħom fl-Unjoni Ewropea, ċerti Stati Membri ġodda, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom fuq it-toroq ewlenin ta' tranżitu, fil-prattika għarfu l-viżi uniformi ta' perjodu qasir, il-viżi ta' żjara twila u l-permessi ta' residenza maħruġa mill-istati ta' Schengen għat-tranżitu u/jew għal għan ta' perjodu qasir bħala li huma ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom. L-għarfien ta' dawn id-dokumenti kien ibbażat fuq il-ftehim bilaterali li kienu ntlaħqu bejn l-Istati Membri l-ġodda u l-pajjiżi terzi jew inkella fuq deċiżjonijiet nazzjonali

[3] Skond dan l-Artikolu 5(3), "barranin li jkollhom permess ta' residenza maħruġ minn waħda mill-Partijiet Kontraenti …għandhom ikunu awtorizzati biex jidħlu minħabba raġunijiet ta' tranżitu, sakemm l-ismijiet tagħhom ma jkunux jidhru fuq il-lista ta' twissijiet tal-Parti Kontraenti li l-persuni jkunu qed jippruvaw jaqsmu l-fruntieri esterni tagħha."

unilaterali[4]. L-Istati Membri l-ġodda saħqu dwar id-diffikultajiet amministrattivi li qed jiffaċċjaw minn mindu ssieħbu fl-Unjoni Ewropea meta dawn kellhom jibdlu l-prattika preżenti ta' l-għarfien b'reġim ġdid li jobbligahom joħorġu viżi nazzjonali għal tranżitu jew għal żjarat qosra lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viża ta' Schengen jew inkella permess ta' residenza jew viża ta' żjara twila maħruġa minn Stat ta' Schengen. B'mod speċjali, dawn jisħqu fuq il-piż amministrattiv kbir u żejjed li jkun hemm għall-Ambaxxati u l-Uffiċċji Konsolari tagħhom li jkunu jinsabu fl-Istati Membri. Dawn saħqu wkoll li l-persuni kkonċernati b'dawn il-faċilitajiet ma jirrappreżenatw l-ebda riskju għall-Istati Membri l-ġodda, minħabba li dawn ikunu ġew sottomessi għal diversi kontrolli stretti u stħarriġ mill-Istati ta' Schengen qabel ma dawn jinħarġulhom il-viżi, il-permessi ta' residenza jew inkella l-viżi nazzjonali ta' Schengen.

Barra minn hekk, ir-regoli preżenti ma jippermettux lill-pajjiżi ta' Schengen li jagħrfu permessi ta' residenza ta' pajjiżi terzi, bħalma huma dawk maħruġa mill-Isvizzera jew il-Liechtenstein, għal tranżitu jew żjarat qosra fit-territorju ta' Schengen. Dan ifisser li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, persuni li jkollhom permess ta' residenza maħruġ mill-Isvizzera jew il-Liechtenstein, li jkunu suġġetti għall-obbligu ta' viża, għandhom japplikaw għal viża meta dawn ikunu fi tranżitu miż-żona komuni biex jirritornaw lejn il-pajjiż tagħhom ta' l-oriġini. Meta wieħed iqis il-mobilità importanti f'ċerti staġuni (i.e. matul il-perjodu tal-btajjel tas-sajf) l-uffiċċji Konsolari ta' ċerti Stati Membri fl-Isvizzera u l-Liechtenstein, li huma kkonċernati l-aktar b'dan il-movimenti minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, qed ikollhom jiffaċċjaw piż amministrattiv qawwi minħabba l-ħtieġa biex jinħarġu l-viżi meħtieġa fiż-żmien matul il-perjodi msemmija. Skond stħarriġ mir-Reġistru Ċentrali ta' Ċittadini Barranin ta' l-Isvizzera, f'April 2003 kien hemm 514.250 persuna li kienu affettwati b'dan it-tranżitu staġonali. L-istess problemi jgħoddu wkoll għat-tranżitu ta' persuni li jkollhom permessi ta' residenza maħruġa mil-Liechtenstein, għalkemm il-figuri huma iżgħar[5].

Dwar l-awtoritajiet Svizzeri, bħalissa dawn qed jeżentaw mill-viża (permezz ta' liġi li daħlet fis-seħħ f'Lulju 2000) lil dawk il-persuni li jkollhom permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea. Dan l-għarfien unilaterali mill-Isvizzera dwar permessi ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom, ikopri t-tranżitu kif ukoll għanijiet ta' żjara qasira. Aktar fit-tul, il-

---

[4] Per eżempju, fil-ftehim bilaterali ffirmati suċċessivament mill-Polonja ma' l-Ukrajina, il-Belarus u r-Russja, hemm dispożizzjoni li tippermetti liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi, li jkollhom viża jew permessi ta' residenza ta' Schengen biex ikunu jistgħu jgħaddu fi tranżitu mill-Polonja mingħajr il-kriterju li jkollhom viża ta' tranżitu Pollakka. Għas-Slovenja, il-bażi legali għall-għarfien ta' tali dokument għal tranżitu u għal żjarat qosra ħadet il-forma ta' deċiżjoni tal-gvern ibbażata fuq ftehim bilaterali informali mat-Turkija, il-FYROM, il-Bosnja-Ħerzegovina, is-Serbja-Montenegro u r-Russja. L-Ungerija kienet iffirmat ftehim bilaterali mas-Serbja-Montenegro u ma' l-Ukrajina b'dispożizzjonijiet simili.

[5] Wara l-ewwel perjodu ta' diskussjonijiet fuq din il-kwistjoni fil-grupp ta' ħidma relevanti tal-Kunsill, l-Istati Membri ppruvaw isolvu l-problema fil-qafas tad-dispożizzjonijiet eżistenti fuq il-viża ta' tranżitu (l-Istruzzjonijiet Konsolari Komuni, il-punt 1.2.1.2), billi użaw il-possibilita` li joħorġu viżi ta' tranżitu b'perjodu twil ta' validità (sena jew sentejn) u billi jippermettu iktar minn tranżitu wieħed. Madankollu, dan l-arranġament prattiku ma wassalx għal soluzzjoni xierqa. B'mod speċjali, dan ma ġiex implimentat b'mod sistematiku u koerenti mill-Istati Membri kkonċernati u l-effett ta' dan li jnaqqas in-numru ġenerali ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi kien wieħed pjuttost limitat. Fil-fatt, il-persuni kkonċernati fil-prinċipju jiċċaqalqu darba fis-sena, u għalhekk viża ta' tranżitu għal dħul ta' aktar minn darba li tkun valida għal sena mhix l-aktar strument xieraq biex jitħaffef il-moviment ta' dawn il-persuni. Minħabba l-perjodu tal-permessi ta' residenza Svizzeri, li l-validità tagħhom hija limitat għal sena bil-possibbiltà li tiġġedded, l-uffiċċji Konsolari tal-post ma jistgħux joħorġu viżi ta' tranżitu b'validità ta' perjodu itwal ta' żmien. Mill-esperjenza li nkisbet, l-Istati Membri ħadu pożoizzjoni favur soluzzjoni ta' perjodu itwal għal din il-kwistjoni, waqt li qiesu l-fatt li l-persuni kkonċernati b'din il-faċilità ma jirrappreżentawx riskju, minħabba li dawn qed jgħixu u jaħdmu legalment fl-Isvizzera u l-Liechtenstein.

kwistjoni ta' l-għarfien tal-permessi ta' residenza ta' l-Isvizzera se tissolva bil-Ftehim iffirmat fil-25/10/2004 fid-dawl ta' l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-*acquis* ta' Schengen. Madankollu, l-iffirmar u – aktar tard – ir-ratifikazzjoni xorta se jieħdu xi ftit taż-żmien. Barra minn hekk, jeħtieġ issir valutazzjoni tal-prekundizzjonijiet meħtieġa kollha għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, qabel ma l-Isvizzera tkun tista' tieħu sehem b'mod sħiħ fl-*acquis* ta' Schengen. Minkejja dan, il-problema preżenti teħtieġ soluzzjoni rapida biex ikunu moqdija l-interessi ta' l-Istati Membri.

Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fl-"*acquis*", li jippermettu reazzjoni pożittiva għall-kwistjonijiet imqajma, u biex tkun indirizzata l-ħtieġa ta' l-Istati Membri għal soluzzjoni xierqa, il-Kummissjoni stħarrġet il-possibbiltà li tadotta sistema speċifika li tkun ibbażata fuq metodu ta' għarfien unilaterali.

2. ŻEWĠ PROPOSTI

Biex ikunu indirizzati s-sitwazzjonijiet deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni qieset il-ħtieġa għal soluzzjoni xierqa li tiżgura livell għoli ta' sigurtà u li tevita li jiġu mhedda l-prinċipji essenzjali kif ukoll l-operat tajjeb taż-żona ta' Schengen.

Għalhekk, qed jiġu proposti hawnhekk żewġ strumenti:

F'dak li jikkonċerna l-Istati Membri l-ġodda, Deċiżjoni tal-PE u l-Kunsill li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni, li jkun ibbażat fuq l-għarfien unilaterali mill-Istati Membri l-ġodda, matul perjodu ta' transizzjoni, ta' ċerti dokumenti maħruġa mill-Istati ta' Schengen, u li tipprevedi wkoll il-possibbiltà li jkun estiż ir-reġim ta' għarfien biex ikunu inklużi dokumenti maħruġa minn Stati Membri ġodda oħra (il-punt 2.1 e).

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ħadet f'kunsiderazzjoni:

- il-ħtiġiet speċifiċi ta' l-Istati Membri l-ġodda fil-qasam tal-viża matul il-perjodu transitorju sa l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fiż-żona ta' Schengen meta r-regoli ta' l-għarfien reċiproku previsti fl-*acquis* jibdew jgħoddu għalihom;

- il-kontrolli stretti u l-istħarriġ li għalihom ġew sottomessi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi qabel ma jinħarġulhom id-dokumenti ta' Schengen jew nazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri;

- ir-riskju pjuttost baxx li din il-kategorija ta' persuni tirrappreżenta għall-Istati Membri l-ġodda.

F'dak li jikkonċerna l-permessi ta' residenza maħruġa mill-Isvizzera u l-Liechtenstein, Deċiżjoni tal-PE u l-Kunsill li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni, li jkun ibbażat fuq l-għarfien unilaterali ta' ċerti permessi ta' residenza li jinħarġu mill-Isvizzera u l-Liechtenstein bħala ekwivalenti għall-viża maħruġa mill-Istati Membri għall-għan ta' tranżitu mit-territorju tagħhom (il-punt 2.2).

Biex tiddefinixxi r-reġim speċifiku, il-Kummissjoni ħadet f'kunsiderazzjoni:

- id-diffikultajiet amministrattivi kroniċi li ssemmew minn ċerti uffiċċji Konsolari ta' l-Istati Membri fl-Isvizzera u l-Liechtenstein, liema problemi huma marbuta mal-ħruġ ta' viżi lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu u jaħdmu legalment f'dawn il-pajjiżi;

- il-livell ta' riskju baxx għall-Istati Membri rrappreżentat minn persuni li jkollhom permessi ta' residenza maħruġa mill-Isvizzera u l-Liechtenstein u li jgħaddu minn fuq it-territorju tagħhom.

2005/0158 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq l-għarfien unilaterali mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, s-Slovenja u is-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 62(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[6],

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 3(1) ta' l-Att tas-Sħubija ta' l-2003, l-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 huma meħtieġa minn dik id-data li jissottomettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li jidhru fil-lista ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jsemmi dawk il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżenti minn dan il-bżonn[7], għall-obbligu ta' viża.

(2) Skond l-Artikolu 3 (2) ta' l-Att tas-Sħubija ta' l-2003, id-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fuq il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-ħruġ ta' viżi uniformi ta' perjodu qasir, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-għarfien reċiproku ta' viżi u dwar l-ekwivalenza bejn il-permessi ta' residenza u l-viżi jibdew japplikaw biss fl-Istati Membri l-ġodda wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill f'dak is-sens. Madankollu, huma jorbtu lil dawk l-Istati Membri mid-data tas-sħubija tagħhom.

(3) L-Istati Membri l-ġodda huma, għalhekk, meħtieġa li joħorġu viżi nazzjonali, għad-dħul jew it-tranżitu mit-territorju tagħhom, lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viża uniformi jew viża ta' residenza ta' żjara twila jew inkella permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru li jimplimenta b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen jew dokument simili maħruġ minn Stati Membri ġodda oħra.

(4) Il-persuni li jkollhom dokumenti maħruġa mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen u mill-Istati Membri l-ġodda ma jirrappreżentaw l-ebda riskju għall-Istati Membri l-ġodda, minħabba li dawn ikunu ġew soġġetti għall-kontrolli meħtieġa kollha minn Stati Membri oħra. Biex ikun evitat li jiġu imposti piżijiet amministrattivi żejda li ma jkunux ġustifikati fuq l-Istati Membri l-ġodda,

---

6 ĠU C , , p. .

7 ĠU L 81, 21.3.2001, p.1 Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 851/2005 (ĠU L 141, 04.06.2005, p.3)

għandhom ikunu adottati regoli komuni li jkunu jawtorizzaw lill-Istati Membri l-ġodda biex jagħrfu unilateralment dawk id-dokumenti bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali tagħhom, u biex jistabbilixxu reġim simplifikat għall-kontrolli ta' persuni fuq il-fruntieri esterni, liema reġim ikun ibbażat fuq din l-ekwivalenza unilaterali.

(5) Ir-regoli komuni għandhom ikunu adottati għal perjodu transizzjonali, sad-data li għandha tkun stabbilita f'Deċiżjoni tal-Kunsill, kif imsemmi fl-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 3 (2) ta' l-Att tas-Sħubija ta' l-2003.

(6) L-għarfien ta' dokument għandu jkun limitat għall-għan ta' tranżitu mit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri l-ġodda jew aktar, mingħajr ma jaffettwa l-possibbiltà li l-Istati Membri l-ġodda joħorġu viżi nazzjonali għal żjarat qosra. Il-parteċipazzjoni fis-sistema komuni m'għandhiex tkun obbligatorja u m'għandhomx jiġu imposti obbligi żejda fuq l-Istati Membri l-ġodda kif definit bl-Att tas-Sħubija ta' l-2003.

(7) Ir-regoli komuni għandhom jgħoddu għall-viżi uniformi ta' perjodu qasir, viżi ta' perjodu twil u għall-permessi ta' residenza li jinħarġu mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen, kif ukoll għal viżi ta' perjodu qasir, viżi ta' perjodu twil u permessi ta' residenza maħruġa minn Stati Membri ġodda oħra.

(8) Il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplementa t-Trattat ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-gvernijiet ta' l-Istati ta' l-unjoni ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Schengen")[8], intlaħqu, ħlief għal 5(1)(b). Dan sakemm din id-Deċiżjoni tistabbilixxi reġim ta' għarfien unilaterali bejn il-viżi nazzjonali ta' tranżitu maħruġa minn Stat Membru ġdid u ċerti dokumenti maħruġa minn Stati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen kif ukoll dokumenti simili maħruġa minn Stati Membri ġodda oħra.

(9) Minħabba li l-għan ta' l-azzjoni proposta li għandha tittieħed, jiġifieri l-introduzzjoni ta' reġim ta' għarfien unilaterali li għandu jkun applikat mill-Istati Membri l-ġodda, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, dawn jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintaħaq dan l-għan.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni, ibbażat li jippermetti lir-Repubblika Ċeka, lill-Estonja, lil Ċipru, lil-Latvja, lil-Litwanja, lill-Ungerija, lil Malta, lill-Polonja, lis-Slovenja u lis-Slovakkja (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Istati Membri l-ġodda) biex jagħrfu unilateralment bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għal skop ta' tranżitu, ċerti dokumenti maħruġa mill-Istati Membri li jkunu qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen, kif ukoll dokumenti maħruġa minn Stati Membri ġodda oħra lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'obbligu ta' viża skond ir-Regolament (KE) 539/2001

[8] ĠU L 239, 22.09.2000, p.19.

Artikolu 2

1. Stat Membru ġdid jista' jqis bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali tiegħu għal skop ta' tranżitu d-dokumenti li ġejjin maħruġa mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen, irrispettivament miċ-ċittadinanza tal-possessuri kkonċernati:

(i) "viża uniformi" kif imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni li timplimenta t-Trattat ta' Schengen;

(ii) "viża għal perjodu twil" kif imsemmi fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni li timplimenta t-Trattat ta' Schengen;

(iii) "permess ta' residenza" kif inkluż fl-Anness IV ta' l-Istruzzjonijiet Konsolari Komuni.

2. Jekk Stat Membru ġdid jiddeċiedi li japplika din id-Deċiżjoni, dan irid jagħraf id-dokumenti kollha msemmija fil-paragrafu 2 maħruġa mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen, irrispettivament mill-Istat li joħroġ id-dokument.

Artikolu 3

Barra minn hekk, Stat Membru ġdid li japplika l-Artikolu 2 jista' jagħraf viżi nazzjonali ta' perjodu qasir, viżi ta' perjodu twil u permessi ta' residenza maħruġa minn Stat Membru ġdid wieħed jew aktar bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tiegħu għal skopijiet ta' tranżitu.

Id-dokumenti maħruġa mill-Istati Membri l-ġodda, li jistgħu jkunu rikonoxxuti skond din id-Deċiżjoni, huma mniżżla fl-Anness.

Artikolu 4

L-Istati Membri jistgħu jagħrfu biss dawk id-dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għal skop ta' tranżitu, jekk il-perjodu tat-tranżitu taċ-ċittadin ta' pajjiż terz mit-territorju ta' l-Istati Membri l-ġodda ma jkunx ta' iktar minn ħamest ijiem.

Il-perjodu tal-validità tad-dokumenti msemmija fl-Artikoli 2 u 3 għandu jkopri l-perjodu tat-tranżitu.

Viża uniformi li tkun tippermetti dħul wieħed u li tkun intużat għad-dħul fi Stat Membru li jkun qed jimplimenta b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen, għandha tkun valida sal-vjaġġ lura tal-persuna li jkollha l-viża meta din tkun qed tgħaddi lura fi tranżitu mit-territorju ta' l-istess Stat Membru ġdid.

Artikolu 5

L-Istati Membri l-ġodda għandhom javżaw lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem ta' xogħol dwar id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, jekk dawn jiddeċiedu li japplikaw din id-Deċiżjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-pubblikazzjoni komunikata mill-Istati Membri l-ġodda fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Din għandha tkun tgħodd sad-data li għandha tkun definita mill-Kunsill f'Deċiżjoni adottata skond l-Artikolu 3(2) ta' l-Att tas-Sħubija ta' l-2003.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, s-Slovenja u is-Slovakkja.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*l-President*

ANNESS

Lista ta' dokumenti maħruġa mill-Istati Membri l-ġodda

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Viżi

- **Vízum k pobytu do 90 dnů** – (*viża għal perjodu qasir*)
- **Vízum za účelem převzetí povolení k pobytu VR** – (*viża bl-għan li wieħed jiġbor permess ta' residenza)*
- **Vízum k pobytu nad 90 dnů** – (*viża għal perjodu twil*)
- **Diplomatické vízum** – (*viża diplomatika*)
- **Zvláštní vízum** – (*viża speċjali*)
- **Vízum za účelem strpění VS** – (*Viża biex wieħed ikun jista' jikseb permess speċjali biex jibqa'*)
- **Vstupní vízum VV** – (*viża tad-dħul)*
- **Vízum za účelem dočasné ochrany VG** – (*Viża għall-protezzjoni temporanja*)

Permessi ta' residenza

- **Prukaz o povoleki k pobytu pro statniko prislusnika** (*permessi ta' residenza għall-barranin*)[9]
  - Permess ta' residenza għal perjodu twil (validu – sad-data li fiha jiskadi – għal massimu ta' sena, b'possibbiltà li jiġġedded)
  - Permess ta' residenza permanenti (Maħruġ lil barranin li jkunu qed jgħixu fit-territorju tar-Repubblika Ċeka għal aktar minn 10 snin. Il-kundizzjoni taż-żmien ma tgħoddx jekk il-barrani jkun membru tal-familja immedjata ta' ċittadin Ċek (għaqda ta' familja), jew jekk il-barrani jkun għex fit-territorju tar-Repubblika Ċeka għal iktar minn 8 snin u jkun osserva kundizzjonijiet addizzjonali stipulati bil-liġi (par. 66 ta' l-Att dwar il-Barranin tar-Repubblika Ċeka - nru. 326/1999 Col.)

[9] L-istess tip ta'dokument għall-varjanti kollha, bil-validità murija fuq it-tikketta.

ĊIPRU

Viżi

– **Viżi ta' tranżitu ta' l-ajruport**

– **Viżi ta' tranżitu**

– **Viżi ta' l-ivvjaġġar** (dħul wieħed, dħul doppju, dħul ta' ħafna drabi)

Permessi ta' residenza

– **Permess ta' residenza temporanja** (xogħol, viżitatur, student)

– **Permess ta' dħul** (xogħol, student)

– **Permess ta' immigrazzjoni** (permess permanenti)

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA

Viżi

– **Latvijas vīza - Kategorija C** (*viża għal perjodu qasir*)

– **Latvijas vīza - Kategorija D** (*viża għal perjodu twil*)

Permessi ta' residenza

– **Pastāvīgās uzturēšanās atļauja** (*permessi ta' residenza permanenti*) [10]

– **Termiņuzturēšanās atļauja** (*permess ta' residenza temporanja; il-validità tvarja minn sitt xhur sa għaxar snin*)

– **Uzturēšanās atļauja** (*permessi ta' residenza*)[11]

  – **Termiņa** (permess ta' residenza temporanja; il-validità tvarja minn sitt xhur sa għaxar snin)

  – **Atļaujas veids – pastāvīgās** (permess ta' residenza permanenti)

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA

Viżi

– **Trumpalaikė viza** (*viża għal perjodu qasir)*

– **Ilgalaikė viza** (*viża għal perjodu twil*)

Permessi ta' residenza

– **Leidimas laikinai gyventi Lietuvos Respublikoje** (permess ta' residenza temporanja; il-validità tvarja minn sena sa ħames snin)

– **Leidimas nuolat gyventi Lietuvos Respublikoje** (permess ta' residenza permanenti)

L-UNGERIJA

---

[10] Maħruġa qabel l-1 ta' Mejju 2004

[11] Maħruġa qabel l-1 ta' Mejju 2004

Viżi

– **Rövid időtartamú beutazóvízum** (*viża għal perjodu qasir*)

– **Tartózkodási vízum** (*viża għal perjodu twil*)

Permessi ta' residenza

– **Tartózkodási engedély** (Permess ta' residenza; il-validità tvarja minn sena sa erba' snin, bil-possibbiltà li jiġġedded)

– **Letelepedési engedély** (Permess ta' residenza għal perjodu indefinit; il-possessur ikollu d-dritt li jgħix fl-Ungerija għal perjodu indefinit, bil-validità tad-dokument tkun ta' 5 snin)

– **Bevándorlási engedély** (Permess ta' immigrazzjoni)[12]

MALTA

Viżi

– **Viżi ta' tranżitu ta' l-ajruport**

– **Viżi ta' tranżitu** (ta' mhux aktar minn 5 ijiem)

– **Viżi ta' perjodu qasir jew ta' l-ivvjaġġar** (viżi għal dħul wieħed jew iktar)

– **Viżi** ta' perjodu twil (*din tintitola liċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qed ifittxu li jidħlu fit-territorju nazzjonali ta' Malta, għal raġunijiet għajr l-immigrazzjoni, biex jagħmlu żjara li tkun ta' iktar minn 90 ġurnata*)

– **Viżi ta' Grupp** (residenza sa 30 ġurnata)

[12] Dan il-permess ma nħariġx aktar wara l-1 ta'Jannar 2002, madankollu l-permessi li kienu ħarġu qabel għadhom validi; dawn il-barranin għandhom karta ta' l-identità.

IL-POLONJA

Viżi

– **Wiza wjazdowa** (*viża tad-dħul*, ġeneralment b'residenza ta' ġimagħtejn, valida sa sena)

– **Wiza pobytowa krotkoterminowa** (viża għal perjodu qasir, residenza sa tliet xhur, valida sa ħames snin, iżda ġeneralment għal sena)

– **Wiza pobytowa dlugoterminowa** (viża għal perjodu twil, residenza sa sena, valida sa ħames snin, iżda ġeneralment għal sena)

– **Wiza dyplomatyczna** (viża diplomatika, residenza sa tliet xhur f'perjodu ta' sitt xhur, valida sa ħames snin, iżda ġeneralment sa sitt xhur)

– **Wiza sluzbowa** (viża ta' servizz, residenza sa tliet xhur f'perjodu ta' sitt xhur, valida sa ħames snin, iżda ġeneralment sa sitt xhur)

– **Wiza kurierska** (viża għal couriers diplomatiċi, residenza sa 10 ijiem, valida sa sitt xhur)

Permessi ta' residenza

– **Karta pobytu** (karta ta' residenza permanenti, serje 'PL', maħruġa mill-ewwel ta' Lulju 2001, valida sa għaxar snin, għal barranin li jkunu kisbu permess ta' residenza temporanja, permess ta' residenza permanenti, stat ta' refuġjat, permess għal żjara tollerata)

– **Karta stalego pobytu** (Karta ta' residenza permanenti, serje 'XS', maħruġ qabel it-30 ta' Ġunju 2001, għal barranin li jkunu kisbu permess ta' residenza permanenti; validu għal għaxar snin; l-aħħar karta ta' din l-edizzjoni hija valida sad-29 ta' Ġunju 2011)

– **Legitymacja dyplomatyczna** (Karta diplomatika- beige, maħruġa lill-ambaxxaturi akkreditati u lil membri ta' l-istaff diplomatiku li jkunu fuq missjoni)

– **Legitymacja konsularna** (zielona) (Karta Konsolari – ħadra, maħruġa għall-kapijiet ta' postijiet konsolari u lil membri ta' staff konsolari)

– **Legitymacja sluzbowa** (Karta tas-Servizz, maħruġa lill-membri ta' staff amministrattiv, tekniku u tas-servizz li jkunu fuq missjoni)

IS-SLOVENJA

Viżi

– **Vizum za vstop** (*viżi tad-dħul*)

– **Vizum za kratkoročno bivanje C** – *(viża għal perjodu qasir)*

– **Vizum za daljše bivanje D** – *(viża għal perjodu twil)*

Permessi ta' residenza

– **Dovoljenje za stalno prebivanje** (*Permessi ta' residenza permanenti*)

– **Dovoljenje za začasno prebivanje** (*Permess ta' residenza temporanja; il-validità tkun ta' massimu ta' sena, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fl-Att dwar il-Barranin tas-Slovenja*)

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVAKKJA

Viżi

– **Krátkodobé vízum** (*viża għal perjodu qasir*)

– **Dlhodobé vízum** (*viża għal perjodu twil*)

Permessi ta' residenza

– **Prechodný pobyt** (permess ta' residenza temporanja; maħruġ għal barranin li jkunu qed jgħixu fir-Repubblika tas-Slovakkja, validu għal massimu ta' sena u bil-possibbiltà li jiġġedded sa massimu ta' ħames snin)

– **Trvalý pobyt** (permess ta' residenza permanenti; fil-bidu validu għal tliet snin u wara fuq bażi permanenti)

2005/0159 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq l-għarfien unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Isvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni [13],

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat

Billi:

(1) L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplementa t-Trattat ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-gvernijiet ta' l-Istati ta' l-unjoni ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Schengen") [14] jipprevedi li l-permessi ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen huma rikonoxxuti reċiprokament bħala ekwivalenti għall-viża uniformi.

(2) Ir-regoli preżenti tal-Komunità, madankollu, ma jipprevedux reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni, li bis-saħħa ta' dan il-permessi ta' residenza maħruġa minn pajjiżi terzi jkunu jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għall-viża uniformi għall-għan ta' tranżitu miż-żona komuni jew ta' żjara qasira fiha.

(3) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza maħruġ mill-Isvizzera u li huma suġġetti għall-obbligu ta' viża taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001, li jsemmi dawk il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viżi meta jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni, kif ukoll dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dak il-kriterju [15], għandhom japplikaw għal viża meta dawn jgħaddu fi tranżitu miż-żona komuni meta jkunu qed jirritornaw lejn il-pajjiż tagħhom ta' l-oriġini. L-uffiċċji Konsolari ta' l-Istati Membri fl-Isvizzera, għalhekk, qed ikollhom jittrattaw numru kbir ta' applikazzjonijiet ta' viżi li jkunu ġew sottomessi minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Kien hemm diffikultajiet simili f'dak li jikkonċerna l-applikazzjonijiet għal viżi li jkunu saru minn persuni li jkollhom permess ta' residenza maħruġ mil-Liechtenstein.

---

13 ĠU C , , p.

14 ĠU L 239, 22.09.2000, p.19.

15 ĠU L 81, il-21.3.2001, p.1 Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 851/2005 (ĠU L 141, it-04.06.2005, p.3)

(4) Bħala riżultat ta' l-implimentazzjoni f'żewġ stadji ta' l-*acquis* ta' Schengen, l-Istati Membri l-ġodda li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 huma meħtieġa li minn dik id-data jibdew joħorġu viżi nazzjonali lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza maħruġ mill-Isvizzera u l-Liechtenstein u li jkunu suġġetti għall-obbligu ta' viża taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001. Uħud mill-Istati Membri l-ġodda urew it-tħassib tagħhom dwar il-piż amministrattiv żejjed li dan se joħloq għall-konsolati tagħhom fl-Isvizzera u l-Liechtenstein.

(5) Ma jidhirx li huwa ta' ħtieġa għall-Istati Membri li din il-kategorija ta' persuni jkollhom viża, minħabba li dawn jirrappreżentaw riskju baxx ħafna ta' immigrazzjoni illegali għall-Istati Membri.

